



BANK ĊENTRALI EWROPEW

OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-21 ta' Frar, 2006,

fuq it-talba tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea dwar proposta għal regolament tal-Kunsill li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KEE) 3181/78 u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) 1736/79 fil-qasam tal-Politika Monetarja
(CON/2006/8)

Fl-1 ta' Frar, 2006, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar proposta għal regolament tal-Kunsill li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KEE) 3181/78 u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) 1736/79 fil-qasam tal-Politika Monetarja (COM(2005) 611 finali) (minn issa 'l quddiem 'ir-regolament propost'). Il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata skond l-Artikolu 105(4) tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunita' Ewropea, billi r-regolament propost jinkludi dispożizzjonijiet li jitrattaw is-Sistema Monetarja Ewropea (EMS) u l-ħidmiet ta' l-Istitut Monetarju Ewropew, li l-BĊE ħa r-responsabbiltà tagħhom skond l-Artikolu 44 ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew. Skond l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 17.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

1. Osservazzjonijiet speċifiċi

Il-BĊE għandu żewġ osservazzjonijiet speċifiċi dwar ir-regolament propost.

1.1. *Titulu tar-regolament propost*

Il-BĊE jissuġġerixxi li t-titolu tar-regolament propost jiġi emendat biex jirrifletti aħjar is-suġġett taż-żewġ regolamenti skaduti li għandhom jiġu rrevokati, billi ż-żewġ regolamenti għandhom x'jaqsmu ma' l-operat ta' l-EMS aktar milli mal-qasam aktar wiesa' tal-politika monetarja.

1.2. *Referenza għall-opinjoni tal-BĊE*

Skond l-Artikolu 253 tat-Trattat, ir-regolamenti adottati mill-Kunsill għandhom jirreferu għal kull opinjoni li kien jinħtieġ li tiġi akkwistata skond it-Trattat. Il-BĊE għalhekk jissuġġerixxi li ċ-ċitazzjonijiet għar-regolament propost għandhom għalhekk jirreferu għal din l-opinjoni.

2. Proposti t'abbozzar

Meta l-osservazzjoni t'hawn fuq twassal għal tibdiliet fir-regolament propost, qiegħdin jinhemżu proposti t'abbozzar fl-anness.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fil-21 ta' Frar, 2006.

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

Proposti t'abbozzar

Test propost mill-Kummissjoni ¹	Emendi proposti mill-BĊE ²
Emenda 1 Titolu tar-regolament propost	
REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jirrevoka r-Regolament tal- <i>Kunsill</i> (KEE) 3181/78 u r-Regolament tal- <i>Kunsill</i> (KEE) 1736/79 <i>fil-qasam tal-Politika Monetarja</i>	REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jirrevoka r-Regolament (KEE) Nru 3181/78 u r-Regolament (KEE) Nru 1736/79 dwar is-Sistema Monetarja Ewropea
<i><u>Ġustifikazzjoni</u> – Ara l-paragrafu 1.1 ta' l-opinjoni</i>	
Emenda 2 Ċitazzjonijiet għar-regolament propost	
[Bħalissa l-ebda proposta]	Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew^[3] ^[3] OJ Ċ [...], [...], pġ. [...].
<i><u>Ġustifikazzjoni</u> – Ara l-paragrafu 1.2 ta' l-opinjoni</i>	

¹ Il-korsiv fil-qalba tat-test jindika fejn il-BĊE jipproponi li jitħassar it-test.

² It-tipi grassi fil-qalba tat-test jindikaw fejn il-BĊE jipproponi li jiddaħħal test ġdid.